


# Il-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi... mixjet l-entità f'ħamsa u għoxrin sena

Din is-sena jaħbat il-25 anniversarju mit-twaqqif tal-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi fl-1991 u bħal kull anniversarju, dan jistħoqqlu jingħata l-importanza tiegħu. Forsi wħud jistgħu jirraġunaw li dan jirrigwarda biss sezzjoni tal-komunità parrokkjali, meta fil-fatt dan l-avveniment jistħoqqlu importanza minn kull min għandu għal qalbu l-festa tagħna. Kienet din il-kummissjoni li f'dawn l-aħħar 25 sena żammet ħaj l-entużjażmu żagħżugħ meta l-membri tagħha utilizzaw il-ħin liberu tagħhom f'ħidma volontarja. Kienet din il-ħidma li kompliet mhux biss tkabbar il-festa Bastjaniża, iżda ressqet nies ġodda biex jagħtu sehemhom fi ħdan il-parroċċa. Dan ċertament wassal biex kienu diversi dawk il-membri li tul dawn is-snin skoprew, saħħew u ħaddmu t-talenti u l-ħiliet varji tagħhom.

Irridu nsemmu li l-festa Bastjaniża, għalkemm bi strutturi differenti matul is-snin, minn dejjem kienet waħda rinomata għall-atmosfera festiva u brijuża. Dan jixhduh diversi intervisti ma' partitarji anzjani kif ukoll ritratti mill-passat. Insemmu fost l-oħrajn l-użu tal-kannizzata fil-marċ ta' filgħodu u fil-jiem tal-festa sa mill-1964. Iżda bl-involviment u inizjattivi tagħha, il-KŻB ċertament għamlet differenza pożittiva bi struttura aktar organizzata waqt il-manifestazzjoni popolari fil-jiem ta' festa... iżda mhux biss. Illum il-ħidma tal-KŻB hija mifruxa sew fix-xhur kollha tas-sena. B'hekk nistgħu nargumentaw li kienet din il-kummissjoni u oħrajn simili f'lokalitajiet varji li taw libsa ġdida lit-tradizzjonijiet relatati mal-festi u probabilment kienu huma li salvawhom milli jiddgħajfu bħal fil-każ ta' bosta tradizzjonijiet oħra.

> *"... ressqet nies ġodda biex jagħtu sehemhom fi ħdan il-parroċċa... membri li tul dawn is-snin skoprew, saħħew u ħaddmu t-talenti u l-ħiliet varji tagħhom."*

Irridu nsemmu li l-isem ta' Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi fil-passat ġieli kien jintuża minn xi organizzaturi ta' xi attivitajiet kulturali f'Ħal Qormi mhux direttament relatati mal-festa Bastjaniża. Dan meta fil-bidu tas-snin sebgħin kienu jiġu organizzati attivitajiet varji li kienu aktar b'identità mużiko-letterarja folkloristika f'kuntest ta' żvilupp kulturali



*Il-fundaturi tal-Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi fl-1991*



Żgħażagħ Bastjaniżi.
22 ta' April 1991.

Lill-Għaqda Dilettanti Armar
San Bastjan.

Għażiż Segretarju,

Għal ma tafu ħaġa li aħna l-Bastjaniżi dejjem ridna li [illegible] lejn il-bniju kbir waqt il-marċi li jsiru tul il-ġimgħa tal-festa u speċjalment tul il-marċ tradizzjonali tal-Ħadd filgħodu.

Qabel kien ikun hemm xi individwu li jibda jaħdem waħdu, kif fil-fatt l-Għaqda ta' l-Armar għamlet matul dawn l-aħħar snin. Però dejjem inħasset ix-xewqa li jkun hawn xi grupp speċjalment magħmul miż-żgħażagħ sabiex xogħolhom ikun li jieħdu ħsieb l-affarijiet li jistgħu jgħollu l-bniju.

Fil-fatt jiena u xi erba' żgħażagħ oħra, tnejn minnhom huma fil-kumitat ta' l-Għaqda ta' l-Armar, iddeċidejna li nifformaw [illegible] Kummissjoni Żgħażagħ Bastjaniżi, u li din il-Kummissjoni tieħu ħsieb li tgħin kemm jista' jkun biex ikun bniju kbir u ferrieħi waqt il-marċi li jsiru f'ġieħ il-qaddis żgħażugħ tagħna - San Bastjan. Din il-Kummissjoni li mhux se tkun fiha aktar minn sitt persuni, se torganizza disco's u affarijiet oħra ta' fundraising u li l-qligħ minnhom imur kollu għal affarijiet bħal bnadar, umbrelel, bżieżaq u dan kollu biex jista' jkun bniju fil-marċ tagħna.

Aħna nixtiequ wkoll l-appoġġ tagħkom fuq il-fatt li din il-Kummissjoni taqa' taħt l-Għaqda ta' l-Armar. Dan



irriduh li jsir sabiex ma jkunx hemm bżonn li nagħmlu Għaqda oħra; iżda nifformaw Kummissjoni taħt Għaqda li fiha hemm il-veru dilettanti tal-festa taħt għażiża għalina wkoll.

Iżda sfortunatament, din il-Kummissjoni tisfaxxa fix-xejn, il-materjal kollu li aħna jkollna għad-dispożizzjoni tagħna u xi flus li aħna jkollna; jiġġu kollha taħt l-Għaqda ta' l-Armar. Aħna nitolbu li intom taqblu magħna u speċjalment ma' l-għan li aħna qed naħdmu għalih. Aħna ċerti li jekk hemm xi punti li mhumiex ċari għalikom, tgħiduhomlna sabiex b'hekk ikun hemm qbil totali. Grazzi ta' l-appoġġ u koperazzjoni li intom tistgħu tagħmlu magħna.

Dejjem tagħkom,
Żgħażagħ Bastjaniżi.

Tony Grima
Marlon Barba.
Jason Gatt
Mario Muscat.

*L-ittra li tressqet quddiem il-kumitat tal-Għaqda Armar San Sebastjan u li wasslet għat-twaqqif tal-KŻB fl-1991*

fost iż-żgħażagħ. Jidher li fi żmien ta' ftit aktar minn tliet snin, din l-entità organizzat attivitajiet mhux biss fil-knisja ż-żgħira ta' San Bastjan, fejn kienu wkoll jiltaqgħu l-membri, iżda saru wkoll ħarġiet u attivitajiet fil-viċinanzi ta' kappelli oħra f'Ħal Qormi bħal f'Tal-Ħlas kif ukoll fuq iz-zuntier tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Biss dwar din l-entità tas-snin sebgħin u li għadha fil-memorji ta' xi anzjani, forsi nikteb f'okkażjoni oħra.

Diġà semmejna li matul is-snin, il-festa Bastjaniża kienet bi strutturi differenti, fejn kienet bħal tinkorpora dipartimenti differenti bi gruppi jaħdmu għal skop speċifiku. Fost dawn kien hemm il-banda li l-istorja tagħha toħodna sa minn qabel it-twaqqif tal-parroċċa. F'ċerti snin kien għadu jinħass fost xi anzjani li għakemm qrib tal-banda Qalbista, kienu wkoll bħal nostalġiċi għal żminijiet u kustjonijiet oħra parrokkjali. Dan forsi wassal biex fis-snin sebgħin u tmenin, ċertu involviment ma kienx jinħass daqstant parti minn ħidma ħolistika fost il-partit tal-Bastjaniżi. Iżda fl-1982 kienet inawgurata l-knisja parrokkjali ta' San Sebastjan, proġett li kien jassorbi l-parti l-kbira tad-dħul finanzjarju minn kull attività parrokkjali. B'hekk wara l-1982 kienet bdiet fażi ġdida fil-ħajja tal-parroċċa u li minn hemm 'il quddiem il-festa kienet bdiet tikber b'ritmu notevoli.

Fl-4 ta' Marzu 1984, waqt laqgħa fil-kripta tal-knisja parrokkjali, kienet twaqqfet l-Għaqda Armar San Sebastjan u dan l-aktar b'riżultat ta' entużjażmu minn żgħażagħ



*Il-KŻB fl-1997 bl-ewwel membri femminili fi ħdanha*

li riedu li l-festa tkun kompluta bi żvilupp tal-armar fit-toroq parrokkjali għal żmien il-festa. F'xi każijiet fuq inizjattivi personali, dawn kienu jipprovdu wkoll materjal għall-briju bħal xi bnadar waqt il-marċi. Dan il-materjal kien wieħed minimu u fil-parti l-kbira jispiċċa wara kull festa, għalkemm bosta jiftakru numru ta' standardi ħodor waqt il-marċi u li kienu saru fl-1986, fl-okkażjoni tal-ħamsin sena mit-twaqqif tal-parroċċa. Fl-istess żminijiet (1986–1987) fi ħdan is-Soċ. Filar. Pinto nsibu s-sottokumitat taż-Żgħażagħ Qalbisti li fosthom kien hemm bandisti u li kienu ffokati fuq ġbir ta' fondi għall-ħlas tal-baned matul il-ġimgħa tal-festa. Iżda l-ħidma ta' dawn ma jidhirx li kienet tinvolvi attivitajiet soċjali, b'eċċezzjoni għal żewġ attivitajiet ta' drama (teatrini) fl-*ex-Warner Theatre* u b'hekk ma żviluppawx identità ta' entità żagħżugħa.

L-aħħar nofs tas-snin tmenin u s-snin disgħin kienu karatterizzati minn żviluppi fil-festi f'diversi lokalitajiet filwaqt li żviluppaw ideat li ħolqu aktar kuxjenza dwar l-importanza tal-kontribut taż-żgħażagħ fost is-soċjetà. Snin qabel, fil-kuntest parrokkjali kienet diġà twaqqfet għaqda piroteknika u b'hekk fis-snin disgħin kien is-settur tal-briju u l-kontribut taż-żgħażagħ li kien għadu mhux organizzat. Kien nhar it-22 ta' April 1991, waqt laqgħa tal-kumitat tal-Għaqda Armar fil-maħżen ta' Triq Spiteri Fremond, li kienet saret it-talba bil-miktub għat-twaqqif tal-KŻB Din it-talba kienet iffirmata wkoll minn żgħażagħ membri tal-istess Għaqda Armar li bħal riedu jiżviluppaw aktar l-idea ta' armar fit-toroq fi żmien il-festa, l-aktar waqt il-marċijiet permezz tal-briju bħala 'dipartiment' organizzat. Dan sar b'identità ġdida tant li l-entità bdiet ukoll tagħmel użu minn ċerti emblemi li, għalkemm bħala kummissjoni fi ħdan għaqda, kienu jiddistingwuha fil-ħidmiet tagħha. Dawn l-emblemi ntużaw fost l-oħrajn f'diversi *posters* u *keychains* tal-ġilda li kienu l-ewwel *souveniers* mill-KŻB.

Ladarba dan l-artiklu huwa dwar entità taż-żgħażagħ, irridu ngħidu li filwaqt li f'għaqdiet b'membri adulti bħal fil-każ tal-Każini tal-banda, faċilment issib membri fil-kumitat li jkunu għamlu 'l fuq minn 20 sena ta' ħidma volontarja, jekk mhux ukoll fl-istess kariga, fil-każ ta' entità taż-żgħażagħ huma ftit dawk li jagħmlu aktar minn ħames snin ta' ħidma direttament fi ħdanha. B'hekk dan iwassal għal ħidmiet u prijoritajiet differenti mill-entità fuq żmien qasir. Forsi nistgħu nargumentaw li ż-żgħażagħ għandhom bżonn direzzjoni u b'hekk kien ikun aħjar li minflok, din l-entità kienet xi 'sezzjoni partitarji' bl-involviment ukoll ta' persuni adulti. Iżda l-fattur ta' entitajiet purament taż-żgħażagħ iwasslu biex l-organizzazzjoni tkun aktar ħajja, friska u li l-komunità m'għandhiex tiskoraġġixxi jew tibża' minnha. Dawn l-entitajiet ikunu qed irawmu l-karattru tal-membri fi ħdanhom b'kontribut lejn it-tradizzjonijiet fi ħdan il-parroċċi u l-lokalitajiet rispettivi.

It-talba għat-twaqqif tal-KŻB ġiet approvata bi qbil unanimu mill-kumitat tal-Għaqda Armar li emmen f'potenzjal żagħżugħ u l-kummissjoni mill-ewwel bdiet tagħmel differenza bil-kontribut tagħha. Sa mill-1991 il-KŻB bdiet torganizza attivitajiet varji li jservu bħala dħul finanzjarju. Fost dawn insemmu l-*Green Parties* f'dik li kienet il-*Little Topaz Hall* u aktar tard fl-*ex-Warner Theatre*. F'xi żminijiet saru wkoll attivitajiet simili fl-*Amazon Hall* u fl-imħazen tal-Għaqda Armar. L-attivitajiet kienu jvarjaw minn dawk b'attendenza ta' mijiet ta' żgħażagħ għal oħrajn b'attendenza modesta. Iżda d-determinazzjoni tal-KŻB dejjem kienet konsistenti u matul is-snin seta' jsir materjal varju, mhux biss bosta bnadar u għenieqed kbar ta' bżieżaq li jkunu imħejjija ta' kull sena, iżda wkoll l-umbrelel kbar li saru għall-festa tal-1993 u ħafna materjal ieħor ta' briju fis-snin ta' wara.

Mas-snin din il-viżjoni tal-membri fost il-KŻB kibret u gradwalment kiber l-involviment tal-kummissjoni fil-jiem kollha tal-festa parrokkjali. Fl-1996 bdiet tintuża emblema formali b'identità ġdida lejn il-KŻB li kienet b'disinn ta' Stephen Borg u li tinkludi simboli assoċjati mal-qaddis patrun. Dan sar fuq xewqa tal-istess membri fi ħdan il-kummissjoni meta huma kienu ispirati minn tpinġija fuq arma fost il-ftit armar antik li kien jeżisti u li f'dawk is-snin kien qed jiġi restawrat biex jerġgħu jintużaw fejn l-Għajn tal-Bhejjem. Il-membri tal-kummissjoni wkoll ħadmu biex fis-snin disgħin fost l-oħrajn kien isir armar ta' dwal diġitali waqt it-tlugħ tal-vara ta' San Sebastjan Rebbieħ fil-marċ tal-aħħar tridu. Dan filwaqt li fi snin aktar riċenti l-KŻB hija assoċjata ma' xogħol piroteknku li jinħaraq mar-ritmu ta' mużika klassika lejn tmiem il-marċ tal-ewwel tridu.



*Inawgurazzjoni tal-mejda tal-appostli fis-snin disgħin*

Hemm ukoll diversi innovazzjonijiet oħra assoċjati mal-KŻB u fost l-oħrajn insemmu r-*recordings* ta' marċi bil-kant li kienu introdotti fl-1997 bis-sehem ta' kor ta' partitarji Bastjaniżi. L-idea kienet li l-marċi jibqgħu l-element ewlieni u qawwi tal-briju fil-festa u li indirettament titwarrab mużika jew attitudnijiet oħra mhux sinonimi mal-festa. Il-KŻB kienet ukoll entità li ppromwoviet is-sehem tas-sess femminili meta fl-1997 kienet bdiet tattira wkoll tfajliet attivi fi ħdanha u dan meta sa dak iż-żmien in-nisa kienu biss involuti f'xi rwol sekondarju fl-amministrazzjonijiet jew entitajiet parrokkjali. B'hekk it-tmexxija tal-KŻB żgur li saret aktar ħolistika (tfajliet u ġuvintur flimkien) bħala entità żagħżugħa.



*L-artist Stephen Borġ li ħadem il-personaġġi taċ-ċenaklu jagħmel l-aħħar irtokki fuq il-figura ta' Kristu*

Il-KŻB firxet ukoll l-attenzjoni tagħha lejn festi oħra fil-kalendarju parrokkjali u kienet promotur ewlieni tal-attivitajiet waqt il-jiem tal-Ġimgħa Mqaddsa. Fl-1995 kienet bdiet tiġi organizzata wirja fis-Sala Psaila taħt il-knisja parrokkjali. Fl-ewwel edizzjoni tal-wirja, flimkien ma' statwi minn kollezzjonijiet privati, kien inkera ċaqquf biex bħala attrazzjoni tintrama l-mejda tal-appostli. Iżda fl-1996 kien inxtara materjal taċ-ċaqquf u bdew jitħejjew pjanijiet kif ser tkun żviluppata din il-wirja. Fl-1997 kienet inawgurata struttura ta' ċenaklu filwaqt li bħala proġett tal-millennju fl-2000 kienu żżanżnu tlettax-il-personaġġ li jirrappreżentaw l-appostli flimkien ma' Sidna Ġesù Kristu u li nħadmu mill-artist żagħżugħ Qormi, Stephen Borg. Konsegwentement matul is-snin, Presidenti tar-Repubblika, Prim Ministri u persuni oħra distinti żaru edizzjonijiet varji ta' din il-wirja.



*Ħjata fuq l-imrewħa mill-membri tal-KŻB*



*Membri tal-KŻB u partitarji Bastjaniżi quddiem l-imrewħa f'Palazzolo fis-sena 2001*

Fl-2001, il-KŻB kienet bdiet ukoll sensiela ta' diskussjonijiet mal-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi dwar kif entità taż-żgħażagħ assoċjata ma' attività parrokkjali, tista' wkoll tkun attiva f'kuntest ċiviku. Dan wassal biex il-KŻB flimkien ma' żewġ entitajiet oħra mil-lokal iffirmaw 'ftehim ta' koperazzjoni' li ċertament wassal biex il-KŻB tikber aktar. Hawn nirrimarka li l-intenzjoni tal-'ftehim ta' koperazzjoni' mal-Kunsill Lokali qatt ma kienet li jiġu ffinanzjati attivitajiet akbar, iżda li dan jinċentiva l-ħidma u l-inizjattivi taż-żgħażagħ impenjati fi ħdan l-entitajiet rispettivi. Dan il-ftehim kien gradwalment imsaħħaħ minn leġiżlaturi differenti u kienu bdew ikunu organizzati, fost l-oħrajn, attivitajiet bħala parti mill-programm uffiċjali ta' Jum Ħal Qormi. F'dan il-kuntest insemmu diversi *Car Shows,* iżda frott tal-istess ftehim illum nistgħu ngawdu attivitajiet bħal *Lejl f'Casal Fornaro,* li bdiet tkun organizzata sa mill-2007.

Hemm diversi avvenimenti tal-KŻB fil-memorja ta' bosta partitarji. Fost dawn ċertament hemm l-istedina lill-KŻB għall-parteċipazzjoni fil-festa ta' San Sebastjan f'Palazzolo (Sqallija) fl-2001. F'dan l-avveniment, membri u numru ta' partitarji kienu tellgħu mrewħa minn fost il-materjal li kellha l-kummissjoni. Din kienet xogħol ta' Jurgen Bezzina, liema mrewħa, bix-xbieha tal-patrun impitter minn Stephen Borg, imxiet fit-toroq mal-purċissjoni ta' lejlet u nhar il-festa. Avveniment ieħor ta' importanza kienet il-



*Membri, helpers u kantanti wara s-suċċess tal-musical fl-2006*



*Membri tal-KŻB u partitarji quddiem il-bażilika ta' San Sebastjan f'Ruma*



*Quddiesa fil-bażilika waqt l-istess mawra*

mawra fil-Belt Eterna ta' Ruma fl-2006. Din iż-żjara u l-quddiesa fil-katakombi ta' San Sebastjan f'Ruma kienet saret fl-okkażjoni tal-ħmistax-il sena mit-twaqqif tal-KŻB. Bosta għadhom isemmu l-*musical* Sebastjan, ukoll fl-2006, b'lirika tal-mibki Ġorġ Saliba u mużika tas-surmast George Debono; ilkoll Qriema. Dan il-*musical* kien ittella' fit-teatru tal-Istitut Kattoliku fil-Furjana u kien jinkludi talent Qormi amalgamat ma' kantanti ta' fama nazzjonali.

F'dan l-anniversarju wieħed ma jistax ma jagħmilx referenza għall-memorja ta' numru ta' żgħażagħ li kienu attivi fi ħdan il-KŻB u llum m'għadhomx magħna. Fost dawn insibu lil *ex-Chairperson* Paul Cuchieri (1971-2006) u Damian Agius (1989-2010). Niftakar ukoll fl-episodju tal-2000 meta waqt *tournament* tal-futbol bi skop filantropiku u b'sens ta' għaqda bejn il-persuni kollha attivi fl-għaqdiet tal-festa, il-piroteknku Twanny Seychell kien ħalla din id-dinja bħal sajjetta fil-bnazzi. Dan ġara wara tmiem il-logħba bejn il-KŻB u l-Għaqda tan-Nar. F'dan il-kuntest ninnotaw li għalkemm f'xi waqtiet jista' jkun hemm opinjonijiet differenti bejn entitajiet jew ġenerazzjonijiet differenti, l-għaqda u r-rispett dejjem kienu sinonimi mal-għaqdiet Bastjaniżi. B'hekk, jekk fil-passat kienet tinħass sistema ta' 'dipartimenti' differenti, b'entitajiet differenti li jaħdmu għal skop speċifiku, gradwalment anke bis-sehem taż-żgħażagħ imrawma fi ħdan xenarju ta' għaqda, illum ċertament naraw ħidma aktar ħolistika fost il-partit tal-Bastjaniżi.

Ċertament li l-futur għall-KŻB huwa promettenti u ċertament din ser tkompli taħdem mhux biss f'kuntest ta' festa parrokkjali, iżda biex permezz ta' impenn volontarju diversi żgħażagħ jutilizzaw l-enerġija u l-ħiliet tagħhom fi ħdan il-komunità tagħna. Matul is-

snin il-KŻB organizzat diversi wirjiet, ħarġiet, diskussjonijiet u attivitajiet sportivi. Dan kollu juri s-sabiħ tal-karattru u l-identità taż-żgħażagħ u ċertament attivitajiet simili se jkomplu fis-snin li ġejjin. Meta aktar kmieni din is-sena, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (l-NSO) ippubblika riċerka li kienet partikolarment tikkonċerna l-involviment fil-każini tal-baned u l-attività relatata, irriżulta li bejn l-2010 u l-2014, għalkemm kienet innotata żieda fil-popolarità ta' din l-attività, kien innotat ukoll nuqqas ta' voluntiera. Mhux xi fatt sigriet li f'ċerti lokalitajiet bilkemm isibu persuni għall-kumitati fl-għaqdiet tagħhom. Iżda fil-każ tagħna, irridu nkunu grati partikolarment lejn il-KŻB li tieħu ħsieb trawwem żgħażagħ sa minn età żgħira, fl-imħabba u l-għożża ta' ċerti tradizzjonijiet, fil-kuntest ta' volontarjat li sfortunatament illum qed isir xi ħaġa veramment rari.



*Il-Prim Ministru Joseph Muscat fi żjara li kien għamel waqt il-preparamenti taċ-ċenaklu*



*... u l-eks Prim Ministru Laurence Gonzi meta żar il-wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa*


**Fresh Fruit & Vegetables**

**George & Joseph Falzon Co. Ltd.,**

***Għal kull tip ta' ħaxix, frott u xitel.***

5, Luqa Road, Qormi • Paola Market, Paola

Tel: 2144 6299, 2149 7413

**Naċċettaw ordnijiet għar-Ristoranti**